# "IL-VERITÀ BIL-FATTI"

*B'dedika lil dawk kotrana li, qlubhom u dinhom baqgħu jħeġġu f'ħuġġieġa tan-nar lejn il-Patrun tagħhom fi ħdan l-Għaqda Mużikali "Każin Banda San Filep". Fondata uffiċjalment taħt dan l-isem sabiħ fis-sena 1851.*

## Introduzzjoni

F'Mejju 2001 is-soċjetà mużikali Każin Banda San Filep A.D. 1851, ippublikat ktieb taħt l-isem ta' "Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep A.D. 1851", bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet speċjali f'egħluq il-150 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Ktieb li ġie milqugħ tajjeb minn kritiċi serji li apprezzaw ir-riċerka wiesgħa li saret kif ukoll l-istil mexxej li bih miktub. Il-fehma ġenerali dwaru hi kemm hu informattiv u prudenti, mertu prinċipali ta' min kitbu.

Għall-okkażjoni tal-festa ta' San Filep sena 2002, soċjetà tal-banda oħra Żebbuġija, it-"12th May Band & Social Club" b'referenza għal dan il-ktieb, ħarġet ktejjeb bl-isem "Il-VERITÀ". F'din il-publikazzjoni saru attakki u allegazzjonijiet nġusti fuq il-Każin Banda San Filep, li ma jistgħux jitħallew għaddejjin mingħajr tweġiba.

L-interess ewlieni tas-soċjetà mużikali Każin Banda San Filep kien u għadu:

- It-tixrid u t-tagħlim tal-mużika mal-Banda San Filep.
- Il-festa ta' San Filep li tkun dejjem isbaħ minn sena għal oħra.

Fil-ħidma tagħha biex twettaq dawn il-għanijiet prinċipali is-Soċjeta' tal-Banda San Filep għandha 'statut' li jservi ta' gwida kemm għall-mexxejja u kemm għall-membri tagħha.

Il-kwistjonijiet interni ġewwa l-każin Banda San Filep fis-snin ħamsin oriġinaw meta l-kumitat li kien imexxi fis-snin ta' wara l-gwerra (1945'– 1950) beda jara b'għajnejh li mhux kollox kien miexi sew finanzjarjament u nkariga lill-Viċi President, jemenda u jaġġorna l-istatut fejn tiġi stabbilita iktar dixxiplina fil-qasam tal-finanzi tal-każin.

Il-fatti x'inhuma:

- Sas-sena 1961, soċjetà waħda kien hawn f'Ħaż-Żebbuġ tipparteċipa fil-festa ta' San Filep.
- Sa din is-sena 1961, il-festa ta' San Filep kienet marbuta biss mal-każin San Filep.
- Is-soċjetà tal-Banda San Filep baqgħet soċjetà kulturali u ċivili kbira f'Ħaż-Żebbuġ mit-twaqqif tagħha sal-lum.

Fid-dawl ta' dan, il-każin San Filep dejjem apprezza l-ħidma siewja ta' l-aħwa marbuta bħala membri tiegħu. Eżempju ċar ta' dan twettaq nhar it-Tnejn, 3 ta' Ġunju tas-sena 2002, fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-bini ġdid tal-każin (il-parti li tiġi fi Triq Sciortino) ġie msemmi PALAZZ Mro. FILIPPO GALEA - FUNDATUR.

## 1. Inkwiet fil-Każin San Filep fis-snin ta' wara l-gwerra

Il-membri tal-każin San Filep wara ż-żmien ikrah tal-gwerra, maħkuma minn entużjażmu kbir għall-festa waslu biex fi ftit tas-snin itellgħuha sal-quċċata tagħha.

# Malta's oldest band club

**GODFREY FARRUGIA, PHILIP BALZAN, and PHILIP AGIUS: *Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep A.D. 1851*, Każin Banda San Filep, Malta 2001. 275 pp. ISBN 99932-0-12-8 (paperback), 99932-0-128-6 (hard cover).**

BAND CLUBS are arguably the most obvious manifestations of our popular culture. They not only provided musical instruction but they were also the first social clubs where men could meet away from the open-air *zuntier* and discuss matters that were to help foster a greater political awareness.

Local band clubs owe their origin to the influence of British military brass bands, although small groups of *musicanti* are recorded as taking part in Good Friday processions in the late 18th century.

*Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep A.D. 1851* indeed takes the story back to these days, even though the book was published to mark the 150th anniversary of the official founding in Żebbuġ of the *Banda San Filippo* as it appears for the first time in an 1851 document. This makes the band the oldest existing band in the islands and which is now celebrating the 150th anniversary of its foundation.

Żebbuġ is one of the oldest and largest villages of the island whose wealth was mainly based on the cotton industry. By the end of the Order's rule, Żebbuġ became one of the wealthiest villages, a wealth that can be seen in some of the palatial houses that were built for the local bourgeoisie and in the parish church dedicated to its patron saint St Philip. Its raising to the status of a city by Grand Master Emanuel de Rohan was the crowning glory. On that day a musical band accompanied the grand master from De Rohan gate to the parish church. A band had, however, even taken part in the procession in honour of St Philip in 1777.

The *Banda di San Filippo* is first mentioned in 1851 when it participated in the procession in honour of Our Lady of Charity. The founder was Filippo Galea, a Żebbuġ lad who was a bandmaster with the British 36th Regiment, a link that was reinforced when the band members obtained a set of discarded uniforms from one of the regimental bands stationed in Malta. The opening of a club premises by Governor William Reid provided a regular meeting place that widened the scope of the society.

One of the best-known bandmasters of the Żebbuġ band was Indri Borg who had gone blind at the age of two, but had become a fine clarinet player, as well as a notable teacher and composer. He took over in 1860 and soon introduced teaching on a more formal footing, giving the band a more professional organisation, so much so that P.P. Castagna calls it "the first national band" and the source of all local bands.

The band had a significant role in the commissioning of the silver statue of St Philip which was completed in 1863 at the considerable cost of 9,783 scudi 6 tari.

The authors cover in detail the events the band club went through, highlighting such moments as the building of a new club house, trips abroad, the consecration of the club,



MRO FILIPPO GALEA, founder of the *Banda di San Filippo* in 1851

the second centenary of the death of Dun Mikiel Xerri (who was executed by the French in Valletta in 1799), the social changes brought about by the second world war, the presentation of the sword of honour to Governor Lord Gort, fireworks tragedies, the twinning of Żebbuġ and Agira, the birthplace in Sicily of its patron, St Philip, the celebration of Żebbuġ Day, the birth of two new band clubs as a result of internal strife and resultant problems, and so on.

*Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep A.D. 1851* is obviously a work that needed years of research. The result is quite important because in many ways the story of the band club is partly the story of Żebbuġ itself. It is a book that certainly does the members of the club and all *Żebbuġin* proud. It includes over 140 photographs, some of historical relevance.

The book also presents new information and records for every other that risked being lost.

It is quite a pity that not enough care was taken to be consistent in the presentation of bibliographical references and so on which should always follow international conventional usage and not be left to the idiosyncratic whim of particular writers. This, however, seems to be a bugbear of many local productions.

Incidentally Philip Farrugia Randon is not the author of *Three Maltese Personalities*. The book was written by his late lamented brother Dr Robert, who was such an exceptional gentleman in all his words and actions. His wife Josephine and his son Dr Stanley co-authored the book.

*Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep A.D. 1851* is available in a limited edition. The first copy was presented to President Guido de Marco on May 31 during a musical programme that was held to commemorate the birth of Malta's first band club.

**Louis J. Scerri**

***Riċensjoni tal-ktieb "Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep" mis-Sur L.J. Scerri li hu kritiku speċjalizzat fuq dan ix-xogħol.***



***Il-Kumitat tal-Każin Banda San Filep wara t-tieni gwerra dinjija magħmul minn:***
***Bil-wieqfa (mix-xellug għal-lemin): Carmel Baldacchino (il-Wa), Ġużepp Farrugia (Ta' Maksar), Ġużepp Baldacchino, Luret Gauci, Filippu Grech (Ta' Glorja), u Salvu Zammit (l-Għawdxi).***
***Bil-qiegħda (mix-xellug għal-lemin): Leone Chircop, Ġamri Caruana, Pawlu Zammit (Segretarju), il-Professur Philip Farrugia (President), Rafel Felici (kaxxier), John Attard (ħu Amante), Luret Bonello.***

Min-naħa l-oħra, l-istess membri u bandisti kienu jinsistu mal-kumitat għall-bini ta' każin ġdid. F'dan il-qasam kien sar xi ftit tax-xogħol iżda li ma sodisfax lill-membri.

Il-ġbir għall-bradella ġdida, strumentatura għall-banda, ix-xogħol ta' palk ieħor għall-banda, u l-pjanijiet għall-bini, flimkien ma l-infieq għall-festa li mhux dejjem inżamm kontroll tajjeb tiegħu, beda jnissel ħafna diżgwid fost il-membri.'Dan ġab miegħu problemi finanzjarji u nuqqas ta' fiduċja fit-tmexxija tal-każin.

- Il-kumitat għaraf xi problemi finanzjarji kellu ġewwa s-soċjetà tiegħu u allura ħass il-bżonn li jagħmel regolamenti ġodda u ta' iktar dixxiplina.
- Il-kumitat ġie kostrett li kellu jirreżenja u nħatar ieħor li kellu d-dmir li jara li dawn ir-regolamenti jitwettqu.

Hawn mhux kulħadd ikkopera…

- Il-kumitat il-ġdid qabbad żewġ awdituri pubbliċi biex jiċċekkjaw il-kotba tal-finanzi tal-każin. Instab fihom l-irregularitajiet li ġie mgħarraf bihom l-istess kumitat u dan min-naħa tiegħu kien kostrett jiftaħ kawża kontra l-ex kaxxier.

Illum li għaddew ħamsin sena minn din il-ġrajja, nirriflettu ftit.....li kieku l-każin San Filep m'għadux jeżisti, konna ngħidu li dak il-kumitat ma rnexxiex fix-xogħol tiegħu, u s-soċjetà falliet għax kien hemm ħidma ħażina. Iżda l-ġrajja mwettqa turina mod ieħor.

PROVI… PROVI…

- Ix-xewqa ewlenija tal-membri nqatgħet u nbena każin kważi kollu ġdid fi tlett snin.
- Meta sar l-arranġament tal-kawża kontra l-ex kaxxier, il-Każin San Filep daħħal somma flus biex seta' jiġi aċċettat dan il-ftehim. Dan jirriżulta mill-Laqgħa Ġenerali tal-membri li saret nhar il-Ħadd 6 ta' Frar 1966.

Mela hawn ukoll is-soċjetà mużikali każin banda San Filep kellha raġun.

## 2. Il-Kamra tan-Nar – "St. Philip Fireworks Factory" – tal-Kandlora u l-Każin San Filep

Meta ġie ttrattat in-nar tal-festa ta' San Filep fil-ktejjeb imsemmi jidhru nofs veritajiet u l-kitba tinbidel skond kif jaqbel.

Għaż-żmien meta l-festa kienet għaddejja fil-glorja tagħha, il-kamra tan-nar "San Filep" jingħad li ma kellhiex x'taqsam mal-Każin San Filep. Imbagħad għal wara t-traġedja (07-04-1955), meta n-nar fil-festa fl-ewwel snin kien naqas xi ftit, ħaġa li jifimha kulħadd, allura hemm il-każin kien il-ħtija.

- Ma tista' tifred qatt il-kamra tan-nar tal-kandlora mill-Każin Banda San Filep.
- Il-każin sa minn bosta snin ilu kien jikkontribwixxi biex din il-fabbrika tiġi 'il quddiem bħala bini kif jindikaw il-kotba tal-kaxxiera.
- Il-każin dejjem kellu l-permessi meħtieġa tal-puluzija sabiex dan il-post jiġi amministrat bi bniedem liċenzjat magħżul minn żmien għal ieħor, responsabbli fil-manifattura tal-logħob tan-nar.

Fiż-żmien li qegħdin niktbu dwaru s-sur Filippu Grech bħala membru fil-kumitat tal-festa ta' San Filep ( magħmul minn membri tal-kleru u minn membri tal-kumitat tal-każin banda San Filep) kien il-bniedem responsabbli u "liċenzjat", maħtur biex imexxi l-qasam tax-xogħol tan-nar.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-fondi biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tan-nar tal-festa, kienu bosta l-attivitajiet li kienu jsiru.

- Id-dilettanti infushom kienu jaħdmu nar għal barra mir-raħal u jħallu parti mill-qligħ għall-festa.
- Kien isir ġbir minn diversi persuni fil-każin u fi ħwienet oħra.
- Fieri li l-permess għalihom kien jagħmilhom il-każin San Filep (eżempju ta' dan wieħed jista' jara l-minuti tas-seduta tal-kumitat li ġġib id-data tat-2 ta' Novembru 1954.)

Dan kollu jfisser li l-każin San Filep u l-kamra tan-nar tal-kandlora kienu jaħdmu t-tnejn flimkien f'kordinazzjoni sħiħa b'riżq il-festa ta' San Filep.

## 3. Id-diżgrazzja tal-kamra tan-nar u t-tfigħ tan-nar fil-baħar.

Bla ħadd kien jistenna nhar Ħamis ix-Xirka, 7 ta' April 1955, għal ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar seħħet id-diżgrazzja tal-kamra tan-nar ta' San Filep tal-kandlora li ħalliet erba' vittmi.

Ġrajja ta' dulur li tefgħet lill-Każin San Filep f'luttu u feritu b'ġerħa li ħadet iż-żmien biex fieq minnha. Din il-ġrajja wkoll bikkmet lil Ħaż-Żebbuġ kollu u t-tifkira tagħha għadha ħajja sa llum. Fil-publikazzjoni msemmija nkiteb hekk: "l-inkwiet daħal ukoll bejn dawk li kienu jaħdmu n-nar."

Il-fatti x'kienu?…

- Il-kamra tan-nar f'dak iż-żmien kienet għaddejja minn ġrajja ta' għadd ta' nies mifrudin fil-fehma, min mal-kumitat u min kontra. Kienet riesqa l-festa u festa speċjali bil-ftuħ tal-każin. Kien hemm min beda x-xogħol minn kmieni, oħrajn qagħdu lura. Meta dawn indunaw bl-iżball tagħhom kien daħal iż-żmien iżda xorta waħda middew idejhom għax-xogħol tan-nar.
- Riedu jġibu dak li kien intilef. L-għaġla setgħet kienet il-kaġun li wassal għal dan l-inċident fatali.

Ammont ġmielu ta' nar baqa' bla mittiefes fl-isplużjoni. Dan in-nar seta' jintuża u l-kumitat kien tal-fehma li jilħaq ftehim ma' l-arċipriet dwar dan. Min-naħa l-oħra dawk li kienu kontra l-kumitat bdew ixerrduha li n-nar li kien baqa' fil-kamra kien sejjer jinħaraq fil-ftuħ tal-każin li kien ġie ttrasferit għat-tlettax ta' Novembru 1955. (13-11-1955)

Rigward sigurtà wieħed jifimha li wara l-inċident, l-inħawi tal-kamra tan-nar kellhom jitnaddfu mill-periklu ta' fdalijiet tan-nar mhux meħud. Hekk kien sar skond kif kienet

titlob il-liġi, fi ftit tal-ġranet. Hekk l-egħlieqi ta' madwar baqgħu jinħadmu mill-bdiewa tal-post. In-nar li ma nħaraqx kien stivat u bla periklu għal ħadd.

- Il-puluzija kienu biss qegħdin jitolbu li ssir alterazzjoni tal-post.
- Id-data tas-Sibt, l-1 ta' Ottubru 1955 – Jum it-tfigħ in-nar fil-baħar, kienet sitt xhur wara li kien sar l-inċident u l-urġenza ta' xi periklu kienet ilha li għaddiet.

Din il-ġrajja seħħet minn sitwazzjoni ta' pika u xejn iżjed. Kienet azzjoni li magħha ġabet qerda li kompliet saħħnet il-borma u żiedet l-inkwiet li kien għaddej fis-soċjetà fil-mument imsemmi.

## 4. Għadd ta' seduti dwar it-tfigħ tan-nar il-baħar

Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Ottubru 1955, saret laqgħa tal-kumitat u f'din il-laqgħa, l-president spjega l-fatti dwar it-tfigħ tan-nar il-baħar minn Filippu Grech wara li dan ħa l-istruzzjonijiet mingħand l-Arċipriet. Il-kumitat qabel li jagħmel Laqgħa Ġenerali ta' protesta kontra dan it-tfigħ tan-nar il-baħar. nhar il-Ħadd 16 ta' Ottubru 1955. Bi tħejjija saru żewġ laqgħat

- waħda nhar it-Tlieta, 11 ta' Ottubru 1955 li fiha s-sur Joseph Psaila u l-president taw spjegazzjoni lill-kumitat kif kienet seħħet il-ġrajja tat-tfigħ in-nar il-baħar,
- oħra nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru 1955, li magħtula ġiet ifformulata l-protesta li kellha tintbagħat lill-E.T. Monsinjur Arċisqof u lill-W.R. Arċipriet.
- Imbagħad il-Ħadd, 16 ta' Ottubru 1955, saret il-Laqgħa Ġenerali li għaliha kienu mistiedna il-membri kollha mingħajr distinzjoni.

Il-verità bil-fatti hi li l-membri kollha kellhom iċ-ċans li jgħidu tagħhom. Kien hemm min għażel li ma jattendix u baqgħu jitmasħnu fuq iz-zuntier tal-parroċċa. Is-suġġett kien wieħed biss – Protesta għan-nom tas-soċjetà'"St. Philip Band Club", kontra t-tfigħ tan-nar il-baħar.

F'laqgħa hekk taħraq wieħed kien jistenna li tqum diskussjoni mqanqla u ġiet approvata r-riżoluzzjoni sabiex tintbagħat lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof , lill-W.R. Arċipriet Lawrenz Zammit u titwaħħal kopja fin-'notice board' tal-każin.

Kien f'dan il-mument ta' tqanqil li dawk is-soċi li b'mod dirett jew indirett ħadu sehem fit-tfigħ tan-nar il-baħar cioe – is-sinjuri L. Zammit, J. Gauci, P. Cortis u S. Camilleri spiċċaw minn soċi ta' dan il-każin permezz ta' riżoluzzjoni li għaddiet b'maġġoranza kbira.

It-Tlieta 25 ta' Ottubru 1955, il-kumitat iddeċieda li jagħmel Affidavit għal dak li kien qal l-arċipriet fil-knisja, nhar il-Ħadd, 23 ta' Ottubru 1955, waqt il-quddies kollu.

## 5. Permessi iktar iebsin

Jidher li wara l-inċident fatali ki kien ġara fil-kamra tan-nar San Filep f'Ħaż-Żebbuġ u xi nċidenti oħra mifruxa l'hemm u l'hawn, l-awtoritajiet ċivili tal-pajjiż iktar bdew jgħafsu fuq il-ħruq tal-murtali tal-festi. Infatti kien hemm il-ħsieb li ssir liġi iebsa dwar ix-xogħol tan-nar li kellha titressaq fil-parlament wara s-sajf tal-1955

Bi protesta għal dan kienet issejħet laqgħa nazzjonali għall-każini u għaqdiet tan-nar għal nhar is-Sibt 16 ta' Lulju 1955. Il-każin San Filep kien ħa sehem f'din il-laqgħa billi kull deċiżjoni kienet tolqot l-interess tal-każin u tal-festa. Dan kollu juri li l-każin San Filep kellu l-ħsieb li jinnormalizza l-permess tal-kamra tan-nar kif jidher ukoll mis-seduta tal-kumitat tal-Ħamis 14 ta' Lulju 1955.

Sadanittant il-ftuħ tal-Każin San Filep wara r-rikostruzzjoni tal-bini, sar nhar it-13 ta' Novembru 1955. Kważi l-membri kollha ħarġu sodisfatti bix-xogħol li kien sar, għalkemm kont għadek issib lil xi wħud mill-membri jgergru kontra kull ma jagħmel il-kumitat.

Fir-rigward tal-festi, għal dak li għandu x'jaqsam man-nar, l-affarijiet saru diffiċli. Il-puluzija bdiet timxi b'id tal-ħadid

mad-dilettanti tan-nar, wara li l-liġi ġiet inforzata. F'dak iż-żmien ma kienx hemm belt jew raħal fejn matul il-ġranet tal-festa tiegħu ma kienux jiġu rrappurtati kwistjonijiet mid-dilettanti tan-nar mal-puluzija. Allura ġara li f'ċirkustanzi bħal dawn il-problema damet iktar milli mistenni biex tiġi solvuta.

## 6. Xi wħud ikomplu jostakulaw

F'ittra lill-każin San Filep, il-puluzija talbu lis-soċjetà biex tikkopera magħhom fir-rigward tal-ħruq tas-sfafar u gassijiet waqt il-marċijiet tal-festa tas-sena 1956.

Is-segretarju ġie nkarigat joħroġ fin-'notice board', avviż dwar il-projbizzjoni tal-ħruq tas-sfafar u gassijiet (seduta tal-kumitat tal-Ġimgħa 4 ta' Mejju 1956). Sadanittant għall-ewwel festa ta' San Filep ta' wara t-traġedja tal-kamra tan-nar jiġifieri dik tas-sena 1956, mal-Banda San Filep ħadu sehem dawn il-baned:

King's Own tal-Belt Valletta, Pinto ta' Ħal Qormi, Duke of Connaught ta' B'Kara, Peace tan-Naxxar u Nicolò Isouard tal-Mosta.

Kmieni wara din il-festa, propju fis-seduta tal-kumitat ta' nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Mejju 1956, il-kumitat iddiskuta l-bini tal-kamra tan-nar. Peress li kienet ix-xewqa ta' ħafna membri li l-kmamar tan-nar jerġgħu jinbnew mill-ġdid. Intbagħatet ittra lill-W.R. Arċipriet tinfurmah li l-kumitat kien se jieħu ħsieb il-bini tal-kmamar tan-nar. Sar ġbir mill-kumitat tal-festa sakemm il-bini mill-ġdid tal-kmamar tan-nar tlesta. Bil-pass meqjus u bil-fatti l-każin San Filep kien qiegħed ireġġa' kollox għan-normal. Il-ħidma fil-każin ma qatgħet qatt, iżda xi wħud baqgħu ifittxu li jagħmlu l-ostakli.

Min-naħa tad-diriġenti tal-każin qatt ma setgħu jaċċettaw il-fatt li l-każin jitmexxa minn xi gaj ta' xi ħadd. Iktar u iktar meta żmien qabel awn kienu offruti karigi fil-kumitat tal-festa u liema karigi ma ġewx aċċettati.

Rigward il-petizzjoni miġbura mis-sur Paċifiku Vella, il-kumitat qatt ma seta' jaċċettha l-mod kif saret. Irridu niftakru li kien hemm kawża għaddejja l-qorti bl-implikazzjonijiet legali li ġġib magħha u rridu niftakru ukoll li kemm is-sur Philip Cilia kif ukoll l-istess sur Paċifiku Vella fil-karigi ta' awdituri qabel kienet bdiet il-kawża ma kienux iffirmaw il-kotba ta' l-ex-kaxxier għax ma kienux qablu magħhom. Kienu sostnew li fihom ħafna irregularitajiet.

Madankollu l-kumitat baqa' għaddej bix-xogħol tiegħu u issa li l-bini tal-każin kien lest beda jħalli l-frott. Is-sala ta' fuq l-ewwel bdiet tintuża għat-tiġijiet imbagħad iktar tard ġiet mibdula f''cinema' bl-isem ta' "Mayfair Theatre" - deċiżjoni li tidher li ttieħdet fis-seduta tal-kumitat ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Ġunju 1956. Hekk bdiet tiffunzjona din ic-'cinema' tal-każin San Filep li għal ħafna snin kienet tista' tgħid l-uniku żvog taż-Żebbuġin kull fil-għaxijiet mit-Tnejn sal-Ħadd.

## 7. Il-benefatturi tal-knisja

Missirijietna ilkoll huma l-benefatturi tal-bieraħ u ta' llum tal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ mhux biss bħala bini u t-teżori tagħha iżda wkoll bħala komunità nisranija lajċi u saċerdoti li minn żmien għal ieħor ħadmu ġewwa din il-parroċċa.

Rigward il-bini tal-knisja rridu mmorru fis-sena 1632 u niftakru f'dawk kollha li temmew dan it-tempju devot u hekk mogħni b'ħafna tal-arti. Rigward l-iskultura tat-tmien kopletti u l-ħnejjiet tan-navi, għen ħafna f'din il-biċċa xogħol il-każin San Filep li kien jorganizza l-ġbir u jipprovdi l-armar (ara "Storja ta' Ħaż-Żebbuġ" ta' Luret Vella paġna 119).

Rigward il-fided li nsibu fil-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ insemmu biss teżor wieħed fost il-ħafna, l-aqwa u l-għaxqa taż-Żebbuġin - l-istatwa artistika ta' San Filep maħduma fil-fidda. Il-Każin Banda San Filep ħabirket mhux ftit flimkien mal-prokuraturi biex din l-istatwa segħet issir tal-fidda.

X'messaġġ jista' hemm wara r-ritratt tal-pittura tal-kopletta tan-niċċa ta' San Filep li ppublikaw fil-ktejjeb imsemmi? Forsi l-

persuni li hemm referenza għalihom mhux ilkoll kibru fir-rabta tagħhom mal-parroċċa ta' San Filep fi ħdan il-Għaqda mużikali Każin Banda San Filep? Niftakru li matul ħajjithom iktar għaddew żmien mas-soċjetà mużikali każin banda San Filep milli bnadi oħra.

Nirriflettu ukoll li fiċ-ċentru ta' din il-pittura nsibu l-figura tal-qatt minsi Rev. Loreto Callus li matul ħajtu bħala saċerdot kien il-benefattur ewlieni taż-Żebbuġin li għal madwar 35 sena fil-ħinijiet kollha tal-jum u l-lejl kien iwassalhom sa fuq il-għatba ta' l-eternità mogħnija bis-sagramenti qaddisa. Kien id-direttur spiritwali għal bosta snin tas-soċjetà mużikali Każin Banda San Filep. Ħidma siewja u mill-aqwa imsajra f'ġid spiritwali fost il-membri. Kien President ta' din is-soċjetà mużikali fis-snin koroħ tal-gwerra. Kien il-persuna responsabbli li xtrat id-dar tal-każin fl-1940. Dun Luret illum mis-sema ma' Żebbuġin oħra u ma' San Filep il-patrun ibierku lilna lkoll. Kien wieħed mill-benefatturi veru li kellu Ħaż-Żebbuġ tagħna, dejjem taħt il-ħarsien ta' missierna San Filep.

## 8. Il-Festa ta' San Filep lejn l-aħħar tas-snin ħamsin.

Il-ktieb "Il-verità", iktar milli naqas lejn il-membri tal-każin Banda San Filep, meta ttratta l-festa ta' San Filep lejn l-aħħar tas-snin ħamsin, għamel offiża gravi lill-poplu Żebbuġi kollu. X'inkiteb f'dan il-ktieb?

"Il-festa kienet waslet fi stat li n-nies ma kienux jiftakru festi daqshekk fqar, minbarra dawk li kienu jsiru fi żmien il-gwerra. Il-festa titulari tal-Belt Rohan kienet bdiet tiġi iċċelebrata kważi bl-istess mod li kienu qed jiġu ċċelebrati l-festi sekondarji l-oħra. "

Issa l-verità bil-fatti x'inhi?

Inġibu kopja tal-programm tal-festi esterni ta' San Filep tas-sena 1958, u nħallu lill-qarrej jiġġudika dwaru. Żgur mhux il-kas ta' min ifassal program mifrux matul xi xahar, imbagħad tfittex u ssib ftit li xejn.

Rigward il-festa ta' San Filep tas-sena




1959, insibu li l-Banda San Filep fetħet il-festa billi għamlet marċ fit-12 ta' Mejju. Imbagħad il-Ġimgħa, l-aħħar jum tat-tridu daqqet il-banda Duke of Edinbourgh tal-Birgu, is-Sibt lejliet il-festa matul it-translazzjoni daqqet il-banda Pinto ta' Ħal Qormi. Filgħaxija l-Banda San Filep għamlet marċ u program bis-sehem tal-kor tal-Ħamrun. Nhar il-festa ħadu sehem il-baned: Konti Ruġġieru, l-Isle Adam, it-tnejn tar-Rabat, Peace tan-Naxxar u Nicolò Isouard tal-Mosta.

Flok il-marċ ta' filogħdu, kienet l-użanza li l-Arċisqof flimkien mal-kleru u mistednin oħra kien ikun il-mistieden speċjali ġewwa l-Każin San Filep wara l-Pontifikal u l-paniġierku.

Is-sur Ġużè Gatt, f'ittra ppubblikata fil-ħarġa ta' "Il-Berqa" tal-Ħamis 2 ta' Lulju 1959 bit-titlu "Prosit lill-Banda San Filep" kellu dan xi jgħid

"Ħadt tassew gost nisma lill-Ewwel Banda Maltija, il-Banda San Filep tesegwixxi ż-żewġ


PROGRAMM

TAL-FESTI LI JSIRU LILL-PATRUN TA' ĦAŻ-ŻEBBUĠ

SAN FILIPPU T'AĠĠIRA

MILL-14 SAT-18 TA' MEJJU 1958

FESTI TA' ĠEWWA

FESTI TA' BARRA

VIVA SAN FILIPPU

programmi fuq ir-rediffusion fl-okkażjoni tal-festa ta' San Filep patrun ta' Ħaż-Żebbuġ. Proset. Nixtieq nirringrazzja ukoll lill-kor tal-Ħamrun li taħt id-direzzjoni ta' Dun G. Cachia esegwixxa b'tant esattezza l-partijiet korali. Grazzi u proset."

## 9. L-armar tal-pjazza

Rigward l-armar, fil-publikazzjoni, "Il-verità" inkiteb hekk:

"F'dawk iż-żminijiet (snin ħamsin) kien elaborat beda jintrama b'negliġenza u b'hekk saritlu ħafna ħsara."

Li jintrama b'negliġenza ma kellux għalfejn għax ir-raġuni ssostni li min ikun iħobb il-festa (fil-każ tagħna) m'għandux iħares lejn uċuħ iżda biss lejn dak il-għan u d-delizju tiegħu – il-festa ta' San Filep. Biex inkunu ġusti rridu ngħidu li l-armar tal-pjazza kien naqqas xi ftit mis-sbuħija tiegħu, meta nfetħet it-triq Sciortino ma kienx baqa' biċċa waħda.

Fis-seduta tal-kumitat tat-23 ta' Lulju 1957 ġew imqassma l-karigi fost dawk il-membri eletti fil-kumitat fl-elezzjoni li kienet saret nhar il-Ħadd 21 ta' Lulju 1957. Bħala Direttur tal-kumitat tal-festa ġie maħtur is-sur Ġużeppi Piscopo, bniedem iddedikat u ta' esperjenza twila. Biex jgħin miegħu inħatar is-sur Gawdenz Tanti, bniedem ieħor delettant. It-tnejn flimkien għaqqdu magħhom għadd ta' membri fosthom is-sur Ġużeppi Balzan u kienu jarmaw huma l-pjazza u l-inħawi ta' madwar għall-okkażjoni tal-festa ta' San Filep. Sakemm damu jarmaw huma, l-armar kien qiegħed jinżamm fl-aħjar kundizzjoni possibbli, bl-arkaturi, l-anġli l-kbar u ż-żgħar, ecc. Kien hemm żmien meta dawn il-membri kienu jilmentaw li mhux dejjem kienu jsibu l-affarijiet f'posthom, iżda fl-aħħar mill-aħħar, b'rieda tajba kollox baqa' miexi minn sena għal oħra.

Meta twaqfet is-soċjetà 12 ta' Mejju u bdew jinqalgħu il-kwistjonijiet minn min miż-żewġ każini kellha tintrama Triq Sciortino.

Minkejja li l-ewwel darba li qatt intramat din it-triq dan kien sar mill-Każin San Filep b'sett ta' bandalori proprjetà ta' l-istess każin, l-Arċipriet u l-Arċisqof ta' dak iż-żmien kienu iddeċidew li din it-triq tgħaddi f'idejn il-każin "12th May". Ta' dan ma taw l-ebda spjegazzjoni. Xhieda ta' dan huma d-diversi seduti tal-kumitat li saru f'dak iż-żmien.

*Fid-dawl ta' dan id-diżgwid bejn il-kumitati tal-festa u tal-Każin San Filep il-prokuratur tal-festa ma reġgħax qabbad lid-dilettanti ta' l-armar tal-Każin San Filep biex ikomplu jarmaw il-pjazza.*



***Il-marċ ta' filgħodu tal-Banda San Filep madwar erbgħa u għoxrin sena ilu. Fl-isfond jidher il-faqar li kien waqa' fih l-armar tal-pjazza. Interessanti hu l-fatt li jidhru armati l-bandalori li l-Każin San Filep kien għamel għal Triq Sciortino.***

## 10. Iżjed dwar l-armar

L-Arċipriet ir-Rev. Lawrenz Zammit, issa mingħajr nies delettanti ta' l-armar beda jqabbad nies inesperti f'dan il-qasam biex jarmaw huma. B'hekk l-armar beda jmur lura b'pass imgħaġġel minn sena għal oħra u dam f'din is-sitwazzjoni għal numru ta' snin. Inbidel l-arċipriet u ġie maħtur ir-Rev. Lawrenz Cachia. Min-naħa tiegħu dan għamel arranġament mal-każin 12 ta' Mejju sabiex l-armar tal-pjazza jibdew jarmawh huma bl-istess ħlasijiet.

Inutli noqogħdu nikkumbattu dwar l-armar. L-armar tal-pjazza baqa' sejjer lura. Dan ir-ritratt meħud għall-aħħar tas-snin sebgħin hu xhieda ta' dan. Minn dan ir-ritratt wieħed jinnota l-arkaturi ma kinux għadhom jidhru. L-anġli l-kbar ma kienux baqgħu jintramaw u flokhom twaħħlu antarjoli bil-bandalori magħhom. L-anġli ż-żgħar ma kienux hemm lanqas u flokhom kien jitwaħħal disinn li soltu narawh armat fil-Milied. F'din il-miżerja kien wasal l-armar tal-pjazza, dak l-istess armar li darba konna ngħidu dwaru li kien armar elaborat.

Il-fatti huma li dan ġara fiż-żgur f'idejn il-membri tal-każin *12th May* wara l-ftehim li kien intlaħaq bejnhom u l-arċipriet ir-Rev. Lawrenz Cachia.

Fis-sena 1976, il-Banda San Filep iċċelebrat bil-kbir għeluq il-125 sena mit-twaqqif tagħha. Għal din l-okkażjoni, il-Każin San Filep irrestawra l-planċier tal-banda, l-erba' kolonni u l-anġli tagħhom għal madwar is-salib tal-pjazza, l-erba' anġli ta' ħdejn l-istatwi tal-ġebel ta' San Filep u ta' San Pawl u xi armar ieħor bil-ħidma tal-membru s-sur Pawlu Caruana u oħrajn.

Dan serva ta' spinta sabiex fis-snin ta' wara bdejna naraw xi restawr fl-armar tal-pjazza. Biss l-arkaturi ma dehrux iktar!

L-armar li llum narawh armat fi triq Sciortino, ħdejn l-iskola kien jintrama fi triq Sant'Antnin u l-armar li narawh armat fejn il-knisja tad-Duluri u triq l-Isqof Caruana kien jintrama fejn il-Għassa tal-puluzija u n-naħa tad-Domus. Xi armar ieħor kien ta' triq il-kbira, kemm min-naħa ta' Santu Rokku kif ukoll min-naħa tal-Lunzjata.

F'dan il-qasam wasalna f'mument kruċjali li teżisti ħafna ħsara. 'Sa llum qegħdin ninqdew iżda m'għandna armonija ta' xejn.

## 11. Is-Surmast Datu Gatt u s-Sur Filippu Grech

Li s-surmast Datu Gatt u s-sur Filippu Grech kellhom ammirazzjoni kbira lejn xulxin mhux xi sigriet li ġie irrivelat fil-publikazzjoni tal-ktejjeb "Il-verità". Il-fatti huma fatti u aħna m'aħna se nnaqsu xejn minnhom u dak li hu magħruf sejrin nibqgħu nżommuh.

Iżda daqshekk ieħor hu magħruf u min għandu età biżżejjed hu xhieda ta' dan: ħafna jiftakru sewwa l-argumenti sħan bejn Mro. Datu Gatt u s-sur Filippu Grech fuq iz-zuntier tal-knisja parrokjali, meta l-għajdut ta' każin ieħor fir-raħal kien sar iktar konsistenti. Is-surmast Datu Gatt kien ħadha qatta' bla ħabel kontra l-ftuħ ta' dan il-każin ġdid f'Ħaż-Żebbuġ.

## 12. Is-Surmast Philip Gatt

Bi ħwejjiġna nistgħu nagħmlu li rridu iżda f'kull ma nagħmlu rridu nerfgħu ir-responsabbiltà tiegħu. Meta wieħed jaqra dwar is-surmast Philip Gatt, il-mużika tiegħu u ta' missieru Datu Gatt fil-publikazzjoni "Il-verità" bil-kemm ma jieħux l-impressjoni li l-ammiraturi u d-diriġenti tal-banda 12 ta' Mejju ma kienux jafu b'dak li kien għaddej meta nxtraw mingħand Mro. Philip Gatt marċi u mużika tiegħu u ta' missieru Mro. Datu Gatt. Bħallikieku kien qiegħed isir negozju bl-amment u min kien qiegħed jixtri ma kienx jaf x'inhu jagħmel u sa fejn għandu jasal.

- Kien żmien meta s-surmast Philip Gatt kellu nuqqas ta' ftehim mad-diriġenti tal-każin San Filep u dawn il-famużi ammiraturi sabu lis-surmast Philip Gatt fil-mument eżatt u akkwistaw mingħandu dak li riedu.
- Fil-ktieb tal-programm tal-festa tal-każin 12th May is-surmast Philip Gatt imbagħad deher qiegħed jippreżenta mużika serja lill-istess soċjetà.
- *Sa hemm tasal fil-kapaċità tagħha l-ħidma biex tissaħħaħ il-għaqda.*
- Dwar dak li kien jgħid ma' xi wħud Mro. Philip Gatt li kellu ftehim li l-marċi ta' missieru ma jindaqqux ħdejn il-każin San Filep mill-banda 12 ta' Mejju ma nkiteb xejn. Ġara bil-maqlub u din il-banda daqqet bi sfida "Lir-Rebbieħ ta' Aġira" quddiem il-bieb tal-Każin San Filep.
- *Kull min qiegħed jaqra jifhem iktar malajr li din tfisser iktar minn rieda tajba* !

Niftakru li f'Ħaż-Żebbuġ, il-Banda San Filep maż-żminijiet għamlet popolari lil din il-mużika serja li qegħdin nirreferu għaliha.

## 13. Is-Surmast Amante Attard

- Is-surmast Amante Attard li hu wkoll beda l-karriera mużikali tiegħu fi ħdan il-Banda San Filep, kien mużiċist ħabrieki għal bosta snin u kompożitur ta' numru ta' marċi.
- Fit-tmexxija kien jagħmel parti mill-amministrazzjoni ta' l-istess soċjetà f'diversi kumitati.
- Fil-kumitat tal-banda ħadem ħafna sabiex il-Banda San Filep xtrat l-istrumentatuta tagħha.
- Kien bniedem maħbub ħafna fil-każin



PROGRAMM

ta

Marcijiet Godda

Li sa jindaqqu

mil-

Banda "San Filep"

Lejliet il-Festa tat-Tawmaturgu

San Filep T' Aggira

Nhar it-13 ta' Mejju 19[illegible]

mit-8.30 p.m. 'l-quddiem

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Marċ | "The Philippines" | M.L. Bonnici, A.(Mus) L.C.M. |
| 2. | Marċ | "Honourable" | [illegible] |
| 3. | Marċ | "Hilary" | A. Attard, A.(Mus) L.C.M |
| 4. | Marċ | 12th MAY [illegible] | Mro Philip Gatt, F.L.C.M. |
| 5. | Marċ | "Continental Star" | Mro M. Gatt |
| 6. | Marċ | "Megalomania" | Mro Ad. Gatt |
| 7. | Marċ | "55 + 55" | Mro Ad Gatt |

"F'Misrah San Filep"
Innu - Marċ
INNU TAL-BANDA SAN FILEP

Mro Adeodato Gatt
Surmast-Direttur

Banda San Filep. Hu kien kuntent jaħdem f'din is-soċjetà u min-naħa tagħha, s-soċjetà dejjem apprezzat il-ħidma siewja tiegħu b'riżq il-banda u xogħol amministrattiv ieħor.

- Fis-sena 1961 fil-lista tal-marċi ġodda li kienet għamlet il-Banda San Filep għall-okkażjoni tal-festi anniversarji ta' għeluq il-110 snin tagħha, bin-numru 3, insibu l-marċ, "Hilary" ta' Amante Attard li għadu jindaqq sal-lum.

Is-sehem ta' Mro. Amante Attard fil-lista ta' dawn il-marċi kienet tfisser okkażjoni mwettqa ftit tax-xhur qabel il-ftuħ tal-każin 12 ta' Mejju.

## 14. Lejn għaqda sħiħa taż-żewġ każini

Mill-publikazzjoni "Il-verità" jidher li d-diskussjonijiet li kienu saru fis-sena 1970, bejn id-diriġenti taż-żewġ soċjetajiet bl-iskop li ż-żewġ każini, 'San Filep' u '12 ta' Mejju' jerġgħu jsiru soċjetà waħda, għall-membri tal-kumitat tal-każin 12th May kienu jfissru li l-Każin San Filep għamel tentattivi sabiex jingħalaq il-każin tagħhom. Nistħajlu li dawk li qraw din il-kitba fihom infushom qalu: "Li kieku kellha ssir fir-realtà għaqda bħal din tkun tfisser ħafna għal Ħaż-Żebbuġ u żgur iġġib magħha ferħ fost il-poplu Żebbuġi."

Fis-snin tagħna għaddejja ġrajja ħajja quddiemna kuljum fejn qegħdin naraw bosta laqgħat ta' diversi mexxejja ta' knejjes kristjani u kapijiet tal-knisja kattolika sabiex terġa' ssir knisja waħda, immexxija mill-papa. Dan ifisser li l-knisja kattolika trid li tagħlaq il-knejjes l-oħra?

Fis-seduta ġenerali li nżammet nhar il-Ħamis 19 ta' Marzu 1970, ġewwa l-Każin San Filep, il-membri iddeċidew dan li ġej:

1. "Is-soċi jixtiequ u japprovaw li ż-żewġ każini jiġifieri l- Banda San Filep u l-Każin tal-Banda 12th May isiru soċjetà waħda."
2. "Illi għal kull fini tajjeb, il-laqgħa ġenerali tagħti l-fakultà lill-kumitat sabiex jitkomplew id-diskussjonijiet u tawtorizza lill-kumitat li jista' jieħu kwalunkwe deċiżjoni li tista' twassal għall-għaqda ta' dawn iż-żewġ każini."

F'din il-laqgħa wkoll ittieħdet deċiżjoni li fit-12 ta' Mejju 1970, il-Jum Liturġiku ta' San Filep, iż-żewġ baned idoqqu flimkien.

Fit-8 ta' April 1970, is-segretarju tal-każin San Filep kiteb ittra lill-Arċipriet Dun Lawrenz Cachia, bħala''chairman' ta' dawn il-laqgħat fejn għarfu bid-deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali.

Fil-publikazzjoni "Il-verità", insibu hekk miktub:

"Il-każin 12th May informa b'ittra lill-Każin San Filep bil-pożizzjoni tiegħu li mhux fi ħsiebu jagħlaq soċjetà li kienet rabbiet għeruq sodi…"

Din l-ittra ġġib id-data tas-26 ta' Ottubru 1970, - 7 xhur sħaħ wara dak li kien ġie deċiż mill-Każin San Filep. Ma tanx turi rieda mħeġġa għall-diskussjonijiet serji li suppost kellhom l-iskop li jressaq liż-żewġ naħat lejn xulxin !

## 15. Il-Festival tal-ħruġ min-niċċa

Il-kaġun tal-firda mhuwiex il-festival iżda l-preżenza ta' aktar minn każin wieħed.

Din hi biss attività waħda li tagħżel in-nies minn oħrajn fl-istess mumenti tal-festa. Sattieni nofs tas-snin sebgħin, il-Banda San Filep, f'din l-okkażjoni tal-festa kienet tagħmel marċ u wara programm mużikali. Id-dilettanti tan-nar tal-każin San Filep kienu jagħmlu l-esebizzjoni l-kbira tagħhom tan-nar ta' l-art f'din il-ġurnata li kienet tispiċċa b'kaxxa tal-kulur.

Iżda ġara li l-awtoritajiet ċivili tal-pajjiż kienu iddeċidew li l-ġimgħa tal-festa esterna kellha tibda mit-Tnejn sal-Ħadd jum il-festa propja. Ħaż-Żebbuġ intlaqat ħażin għaliex billi aħna mdorrijin li l-istatwa tinħareġ il-Ħadd fuq barra ġejna ma nistgħu nagħmlu xejn.

Il-puluzija kienu waslu f'arranġamenti li l-logħob tan-nar ta' l-art tal-Każin San Filep jibda jinħaraq il-Ġimgħa l-aħħar Jum tat-Tridu. Sadanittant nhar il-4 ta' Ġunju 1979, il-każin San Filep għamel il-kuntratt tax-xiri tal-ġnien biswit il-każin. Immedjatament infetaħ il-bieb li mill-każin kien idaħħlek f'dan il-ġnien u kif inbigħ il-larinġ ta' dik is-sena, tħamlet il-ħamrija u l-art ingħatat il-konkos. Ġiet irranġata biċċa biex fuqha ddoqq il-banda u mal-ħajt twaħħlu l-ħadid biex magħhom ikunu jistgħu jintramaw l-istandarti biex tiżżejjen u tinxtegħel din il-bitħa.

Dan wassal biex għall-okkażjoni tal-festa ta' San Filep tas-sena 1980, f'din il-bitħa sar''wine & pizza party' bis-sehem tal-Banda San Filep. 'Saru wkoll xi tombli li servew ta' fondi sabiex din il-bitħa tkompli tiżviluppa. Kienet l-unika attività soċjo-kulturali li kienet issir fil-Ħadd tal-ħruġ ta' l-istatwa ta' San Filep.

Fis-snin ta' wara, mal-Banda San Filep bdew jingħaqdu (vuċijiet) li komplew jgħamlu dawn is-serati mill-iktar familjari li n-nies kienu joħonqu l-Każin San Filep dejjem wara li kienet tispiċċa l-funzjoni fil-knisja.

Meta l-affarijiet min-naħa tal-puluzija reġgħu inbidlu u l-permessi ġew għan-normal, il-Banda San Filep bdiet iddoqq l-innu fuq iz-zuntier waqt il-purċissjoni tal-ħruġ ta' l-istatwa u wara kienet tagħmel marċ sa din il-bitħa u hemm kienet tkompli bil-programm tagħha waqt il-'wine & pizza party' u attivitajiet oħra.

## 16. Mhux il-festival biss mument ta' firda.

Iż-żmien jgħaddi u meta għall-Każin San Filep kien wasal iż-żmien opportun li jinbeda l-iżvilupp tal-bitħa f'bini ġdid ħalli l-każin jitkabbar għal kif narawh illum, l-attività ta' nhar Jum tal-ħruġ min-niċċa ta' l-istatwa ta' San Filep ġiet ittrasferita għall-pjazza.

Il-Banda San Filep flok baqgħet tispiċċa l-impenn mużikali tagħha f'din il-bitħa bdiet tkompli l-marċ sa quddiem il-bieb tal-każin tal-pjazza, fejn hemmhekk is-sezzjonijiet tan-nisa u taż-żgħażagħ tal-Każin San Filep ikomplu billi jtellgħu 'festival' ta' kant u żfin mill-aqwa talent Malti. Dan tant intlaqa' tajjeb li l-poplu Żebbuġi baqa' jixtieq`u minn sena għal oħra.

Rigward dan il-'festival' kien hawn min kien qiegħed iħares lejh bħala okkażjoni ta' firda fil-festa. Lok ta' firdiet oħra fil-festa ta' San Filep jeżistu u se nagħtu l-veduti tagħna dwarhom.

- Bħalma jaf kulħadd, barra minn dan il-'festival' tal-kant jsir ukoll il-marċ ta' filogħdu miż-żewġ baned tal-lokal fl-istess ħin. Din l-attività mużikali qatt ma jmissha bdiet issir mill-Banda '12th May' fil-ħin li jkollha ddoqq il-Banda San Filep il-marċ tagħha. Niftakru li l-marċ ta' filogħdu tal-Banda San Filep beda jsir bħala parti minn arranġament li bih il-Banda 12th May ġiet imħollija tagħmel is-servizz mużikali tagħha waħedha nhar il-Ġimgħa l-aħħar jum tat-tridu. Allura l-Banda San Filep kellha tibqa' ddoqq waħedha nhar il-festa filgħodu.
- Qiegħed jiġi nnutat ukoll li l-marċ u l-programm mill-banda mistiedna mill-Każin 12th May nhar lejliet il-festa qiegħed kull sena jitwal u parti sostanzjali minnu qiegħed ikun waqt il-marċ u programm vokali u strumentali mill-Banda San Filep.
- F'dawn l-aħħar snin ġie nnutat li qiegħed jiġi organizzat xi forma ta' 'disco' mill-Każin 12th May waqt il-marċ ta' l-aħħar li jsir mill-każin San Filep.

Dan ukoll hu aġir li mhux jagħmel ġid għall-għaqda fil-festa titolari li lkoll nagħmlu ħilitna biex tibqa' festa hekk kbira f'Ħaż-Żebbuġ.

## 17. Iż-Żewġ każini fir-referendum dwar il-purċissjoni ta' San Filep

Il-purċissjonijiet huma tal-parroċċa. Issa meta l-knisja ġiet biex tiddeċiedi fuq ir-rotta

tal-purċissjoni ta' San Filep, għażlet minn rajha li ssejjaħ lill-poplu Żebbuġi f'referendum sabiex jiddeċiedi hu.

Illum wara iktar minn tletin sena, tat-12th May għadhom jiftakru lil diversi uffiċjali tal-każin Banda San Filep fit-toroq iħeġġu lin-nies biex jivvutaw għat-triq il-qadima. Iż-Żebbuġin jafu sewwa l-pożizzjoni li kienu ħadu ż-żewġ każini. Kif uffiċċjali tal-każin 12th May kienu ġennew lin-nies, iħabtulhom il-bibien u bil-karozzi jistennewhom biex joħduhom jivvutaw.

Il-fatti tassew x'kienu?

- Fil-laqgħa tal-kumitat ta' nhar l-Erbgħa 17 ta' Frar 1971 kien ġie deċiż li l-Każin San Filep ikun newtrali f'dan ir-referendum. Fid-dawl ta' dan, il-kumitat kien *issuġġerixxa* lill-Arċipriet dawn il-punti:
  1. Jivvutaw kull min ismu jidher fl-aħħar reġistru elettorali.
  2. Fil-karta tal-vot jiżdiedu l-ismijiet tat-toroq "Milanesi" u "l-Isqof Caruana."
- Qabel ir-referendum isir avviż fil-parroċċa u fil-knejjes iż-żgħar oħra ta' Ħaż-Żebbuġ dwar id-data tar-referendum.

Hekk titlob is-serjetà 'il bogħod minn kull passjoni.

## 18. Il-Banda San Filep fil-Purċissjoni ta' Kristu Rxoxt.

In-nuqqas ta' ftehim li kull darba jidher f'Ħaż-Żebbuġ bejn il-każini tista' tgħid li joriġina l-għaliex is-soċjetà 12th May ma tirrikonexxix is-servizzi ta' snin twal tas-soċjetajiet l-oħra Żebbuġin.

Il-post tal-Banda San Filep fil-purċissjoni ta' l-Irxoxt , fl-Għid il-Kbir tas-sena 1977, kien quddiem l-istatwa. Dan kien ifisser post ta' sinjorità. Jingħad x'jingħad għax hekk huma l-affarijiet!

La f'din il-publikazzjoni dehru dawn l-affarijiet, huwa tajjeb li nfakkru fil-ħafna kumbinazzjonijiet li kienu saru matul din il-purċissjoni:

- id-daqq ta' xi marċi mill-Banda '12th May' ma kienx hemm lokhom.
- Il-famuż ritratt li tat-'12th May' riedu jieħdu lill-banda tagħhom quddiem il-każin '12th May' kif ippruvaw igħassru lill-banda San Filep ma' l-istatwa.
- L-għeluq tal-purċissjoni bl-inċidenti li kienu nqalgħu, l-ewwel meta l-istatwa baqgħet dieħla fuq il-banda San Filep, imbagħad il-kwistjonijiet li kienu nqalgħu ġo l-oratorju wara l-purċissjoni.

Fil-Għid il-Kbir tas-sena 1978 bdiet il-Banda San Filep bid-daqq u s-sehem tagħha talterna mal-Banda '12th May' u hekk baqgħet sa llum. Niftakru wkoll li l-Banda San Filep iddoqq kull sentejn fil-Ġimgħa l-Kbira.

## 19. Kliem li jitkanta mal-marċi

Il-membri tal-kumitat tal-każin Banda San Filep dejjem ikunu preżenti fost il-folla tan-nies biex kemm jista' jkun kliem mhux adattat għal waqt il-marċi jitnaqqas kemm jista' jkun.

L-ironija hi li fil-kritika tagħhom fil-ktejjeb 'Il-Verità tas-soċjetà' 12th May' jaraw biss il-ftit negattiv ta' xi wħud u dwar il-ħafna posittiv mill-maġġoranza kbira li jkun hemm mal-marċi tal-Banda San Filep ma semmew xejn. Mhux hekk biss, iktar ħażin minn hekk, insew għal kollox il-ħafna taqbiliet li jinstemgħu jitqabblu minn xi uffiċċjali tas-soċjetà '12th May' li l-hena tagħhom tkun biss li jaraw lil ftit nies ta' madwarhom jidħku bi kliem ta' tmaqdir.

Tas-soċjetà '12th May', sa minn twelidhom bdew jużaw kliem b'sens doppju – kliem bħal "ta' fuq", "ta' isfel", "fil-festa l-pjazza nagħmluha post għall-ipparkjar tal-karozzi." Il-Banda '12th May' daħlet f'Ħaż-Żebbuġ il-marċ ta' "Gerrew" fi żmien li kienu jitkantaw biss il-marċi tas-surmast Adeodato Gatt.

Meta s-surmast Philip Gatt kien itella' programmi mużikali kbar ta' xi wħud tat-'12th May' kienu joħorġu jgħidu, "programm kbir b'banda nazzjonali għax bandisti tal-post

m'għandux", "dixxiplina fil-banda m'għandu xejn, lanqas uniformi ma jilbsu l-bandisti." Dan id-diskors kien jingħad minn xi uffiċjali tal-każin '12th May' u xi bandisti li jkunu semgħuh jingħad kienu jwassluh lis-surmast Philip Gatt. Dan wassal biex l-istess surmast imxebba' b'dan il-kliem fuqu, f'lejl wieħed bejn l-aħħar jum tat-tridu sa l-għada lejliet il-festa kkompona l-marċ korali – 'Bajda Bajda' *b'riferenza diretta għall-enfasi żejjed li kien jingħata mid-diriġenti tat-12th May għall-qmis tal-uniformi tal-bandisti.*

Hemm ħafna iżjed eżempji x'wieħed jgħid, kliem li jasal f'widnejn allievi ġodda, "Hemmhekk mort titgħallem iddoqq" b'ħafna tiżjin ta' kliem lejn każin wieħed u nofs veritajiet lejn il-każin l-ieħor. "Aħna ngħaddu, intom minn quddiemna ma tgħaddux."

Il-kant waqt id-daqq tal-baned tagħna mhux xi ħaġa ta' llum. Ixxettlet u kibret sfortunatament maż-żmien. Ma' kull banda jsir xi forma ta' kant, tqabbil, eċċ. Forsi fejn ikun hemm kotra ikbar, dan jinħass iżjed.

## 20. Il-Banda San Filep f'Tuneż

Is-suċċess tal-Banda San Filep mhux mibni biss fuq episodju wieħed dak ta' safar. Il-Banda San Filep fl-aħħar żmien tas-seklu dsatax kienet magħrufa sewwa bħala waħda mill-aħjar baned Maltin. Hi kellha biżżejjed impenji mużikali xi twettaq.

Il-mawra li għamlet ġewwa Tuneż, nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 1899, il-Banda San Filep għamlitha b'għan nobbli sabiex tgħin jinġabru fondi b'riżq l-emigranti Maltin ġewwa dan il-pajjiż, fiż-żmien li kienu jiġu organizzati swieq, u l-preżenza ta' xi banda Maltija hemmhekk kienet tiġbed iktar nies lejn dan il-post tas-suq.

Jidher li din il-mawra tal-Banda San Filep kienet ġiet irranġata b'arranġament xi ftit jew wisq imgħaġġel iżda xorta waħda kienet suċċess u għas-soċjetà ħalliet xi ftit tal-fondi bilanċ ukoll.

Xhieda ta' dan hija notifika li ġġib id-data ta' l-4 ta' Diċembru 1899 bil-firma tal-kaxxier Angelo Zerafa. Ftit iktar minn mitt sena ilu, din il-mawra ġewwa Tuneż mill-Banda San Filep ħalliet il-ġid mixtieq. Inkitbet paġna glorjuża fost il-ħafna li għandha l-Banda San Filep matul il-ġrajja tagħha.

## 21. Il-Baned San Filep u La Vittoria f'avveniment storiku.

Fil-ktejjeb "Il-Verità" tas-soċjetà 12th May għamlu kitba sħiħa ta' tiġbid u tidwir ta' kliem u tgħidx kemm semmew affarijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' din il-ġrajja li nbdiet ġewwa l-Mellieħa, tkompliet f'Ħaż-Żebbuġ u spiċċat ġewwa Sant'Anton.

Il-każin San Filep qatt ma qal li l-Banda San Filep fis-sena 1949 għamlet xi żjara ġewwa Catania. Li ġara kien li billi numru ta' bandisti mill-Banda' 'La Vittoria' kienu għadhom ma ssetiljawx lura f'pajjiżhom minħabba l-gwerra minn mas-servizzi, is-surmast Datu Gatt, allura Direttur tal-Banda La Vittoria, kien issuġġerixxa li biex il-Banda La Vittoria tmur aħjar ġewwa Catania f'Villa Bellini, jiġbor numru ta' bandisti mill-Banda San Filep. Is-suġġeriment tiegħu kien intlaqa hu rnexxielu jieħu numru sabiħ ta' bandisti jingħaqdu mal-Banda La Vittoria.


4 Dicembre 1899

Esclusa le spese fatte, il bilancio favorevole è restano netti £9-14s-1d

per il servizio musicale della Filarmonica San Filippo prestato in Tunesia

Questi Soldi sono per contribuzione per la stessa Filarmonica.

Cassiere
Angelo Zerafa

Iżda l-iktar ħaġa nteressanti għaż-żewġ soċjetajiet tal-baned hi l-paġna storika li rnexxilhom jiktbu flimkien bit-tlett programmi mużikali bħala ”mass band”.

B'apprezzament ta' din il-parteċipazzjoni min-naħa tal-bandisti tal-Banda San Filep kien intlaħaq ftehim bejn iż-żewġ baned, 'La Vittoria' u 'San Filep'u tellgħu tlett programmi mużikali bħala'*mass band*, xi ħaġa li sa fejn nafu qatt ma kien sar f'Malta.

- L-ewwel wieħed fil-Mellieħa kien sar nhar il-24 ta' April 1949.
- It-tieni kien sar f'Ħaż-Żebbuġ u
- It-tielet wieħed ġewwa Sant'Anton.

Dan it-tagħrif hu meħud mill-ġrajja tal-Banda 'La Vittoria', Mellieħa, Mejju 1982.

## 22. Il-Politika fil-każini

Il-partiti politiċi f'Malta, tista' tgħid li twaqqfu fi żmien li l-każini tal-baned bdew jinxterdu madwar l-ibliet u l-irħula ta' dawn il-gżejjer.

Allura dawn il-politiċi kienu jfittxu lil dawn il-każini mimlijin bin-nies sabiex il-patronaġġ personali tagħhom iktar jikber u jsir popolari. Tista' tgħid li minn sitwazzjoniiet bħal dawn l-ebda soċjetà mużikali m'hi meħlusa għal kollox lanqas is-soċjetà '12th May' jingħad x'jingħad.

- Min jista' jiċħad li tal-każin '12th May' ma kellhomx xi uffiċjali ta' sezzjonijiet differenti li ppruvaw xortihom jikkuntestaw fl-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali f'isem partit jew f'isem ieħor.
- Hawn ukoll ikollok element li jipprova jkabbar l-istatus soċjali tas-soċjetà bis-saħħa ta' dawk li jkunu qegħdin jikkontestaw.
- Xhieda ta' dan huma l-fuljetti li lkoll irċivejna fid-diversi elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali. F'dawn il-fuljetti isem il-każini jingħata importanza kbira.

## 23. Il-Logħob tan-nar u l-festa ta' San Filep

Tal-publikazzjoni "Il-Verità" kitbu li għall-aħħar tas-snin ħamsin, "In-nar li kien jinħaraq kien tassew fi kwantitajiet żgħar. Ta' min wieħed isemmi li kien hawn saħansitra żmien meta l-purċissjoni kienet toħroġ mingħajr kaxxa tal-ħruġ u minflokk ġieli kienet issir ġabra bejn dawk li kienu dilettanti ta' veru u biha jagħmlu musketterija u jaħarquha minn fuq il-bejt tan-navi tal-knisja." Minn jaqra dan id-diskors bombastiku malajr jistaqsi – "Iż-Żebbuġin possibli kienu falluti tant li lanqas biex jagħmlu biċċa musketterija ma kellhom meta sa ftit snin qabel il-Każin San Filep mal-poplu Żebbuġi kien jagħmel festa mill-ħruġ sal-Ottava.

Nies oħrajn li jiftakru huma wkoll jgħidu li minn fuq il-knisja kien hemm okkażjonijiet fiż-żmien tar-restrizzjonijiet mill-puluzija, li l-kaxxi nfernali kienu jinħarqu minn hemm.

Min-naħa tal-każin San Filep reġa' beda bil-mod il-mod mal-bini mill-ġdid tal-kamra tan-nar tal-Kandlora. Fis-seduta tal-kumitat tas- 27 ta' Frar 1958, il-President għan-nom tal-każin irringrazzja lis-sinjuri Gawdenz Tanti, Gużeppi Psaila, Salvu Borg u lil dawk kollha li għenu fil-ġbir u t-tlugħ tal-kamra tan-nar.

Tat-'12th May' għandhom baħar kbir jikkumbatti kontrihom minn dak li jgħidu għall-fatti tassew. Dan il-każin sa mit-twaqqif tiegħu qatt ma għamel kaxxa mhux tal-ħruġ tafux għax din dejjem saret mid-dilettanti tal-każin San Filep iżda kaxxa biex din tkun tista' tinħaraq f'dawk il-festi msejħa speċjali ta' diversi anniversarji ta' l-istatwa, tar-relikwija, eċċ... biex fil-ħruġ tal-purċissjoni flok kaxxa nfernali waħda jinħarqu tnejn wara xulxin.

Dan il-każin '12th May' kien jiftaħar li jagħmel baraxx fit-8.00am ta' nhar il-festa imbagħad fil-kumplament bit-tqanqiċ. Dan il-baraxx inħaraq l-aħħar darba b'ammont ta' nar imnaqqas fis-sena 1967, meta minn dik

is-sena reġa' beda jsir il-marċ kbir ta' filgħodu mill-Banda San Filep.

Min-naħa tal-kamra tan-nar tal-kandlora baqgħet timmanifattura bosta nar għall-festa ta' San Filep sakemm minħabba l-bini tad-djar inżammilha l-permess u l-Każin San Filep ħtieġlu jibni fabbrika tan-nar oħra f'Ħal Qdieri limiti ta' Ħaż-Żebbuġ. Minn dan il-post bosta dilettanti tan-nar għadhom jippreparaw u jaħdmu bosta nar attrajenti kull sena li qiegħed jagħmel ġieħ lill-istess dilettanti, lil Ħaż-Żebbuġ u lill-istess festa ta' San Filep.

Illum il-fabbrika tan-nar 'San Filep' hi mmexxija b'kumitat ta' dilettanti ħabrieka, f'ħidma mill-aqwa u f'għaqda formidabbli mgħejuna finanzjarjament minn għadd kbir ta' benefatturi. J'alla dan il-post jibqa' hekk, xhieda ta' għaqda b'riżq il-festa li qegħdha f'qalb dawn id-dilettanti dik tal-Patrun tagħna lkoll San Filep Missierna.

## 24. Ġrajjiet in-nar ta' l-art fl-aħħar Żminijiet

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ġrajja tal-logħob tan-nar ta' l-art mill-Każin Banda San Filep nistgħu ngħidu li l-esebizzjoni ta' din ix-xorta ta' nar jekk nieħdu madwar l-aħħar 25 sena dejjem ġiet esegwita fit-tieni u t-tielet jiem tat-tridu tal-festa ta' San Filep. Il-Ħamis ssir ħarqa mdaqqsa u l-Ġimgħa waħda kbira. Kien hemm snin fejn kien isir logħob tan-nar ta' l-art f'jum tat-Tlieta fil-ġimgħa tal-festa u saħansitra f'jum il-Ħadd, il-ġurnata tal-festa propja. Għall-istorja ngħidu li darbtejn biss ma nħaraqx in-nar ta' l-art mill-Każin San Filep nhar il-jum tal-Ġimgħa l-aħħar tridu tal-festa.

- L-ewwel darba kien fis-sena 1979, meta minħabba f'inċident tat-traffiku fil-ġranet tal-festa kien tilef ħajtu l-ħabib tagħna, l-qatt minsi Aldo Vassallo, La Rosa nhar it-8 ta' Ġunju 1979. Hu kien jaħdem in-nar mal-każin '12th May'.
  Il-każin San Filep wera s-sogħba tiegħu kif għamlu wkoll id-dilettanti tan-nar tiegħu u lkoll għamlu vistu xieraq. Min-naħa tal-Banda '12th May', filwaqt li għamlet is-servizz mużikali tagħha ta' l-aħħar jum tat-tridu, kienu qalu lill-Arċipriet li ma kienux f'pożizzjoni li jaħarqu n-nar ta' l-art nhar lejliet il-festa. Il-Każin San Filep ġie avviċinat mill-Arċipriet dwar dan u hu aċċetta b'koperazzjoni kbira u b'rispett li flok il-Ġimgħa, n-nar ta' l-art tiegħu jaħarqu s-Sibt lejlet il-festa ta' San Filep.
- It-tieni darba kien fis-sena 1996, meta minħabba li x-xita baqgħet traxxax konsistenti, il-logħob tan-nar ma setax jiġi armat u minflok kien inħaraq b'suċċess ukoll nhar il-Ħadd, 9 ta' Ġunju 1996, jum il-festa, fit-tmiem tal-marċ grandjuż ta' l-aħħar mill-Banda San Filep.

## 25. Noti u Riferenzi.

1. Għaxar snin biss wara l-ftuħ tal-każin '12th May Band & Social Club', kien inħareġ ktieb ta' l-okkażjoni minn din is-soċjetà u fil-paġna, "Storja tal-każin fil-qosor" inkiteb hekk:

   "Il-ftuħ uffiċjali ta' dan il-każin sar fit-22 ta' Ottubru 1961 taħt l-isem sabiħ ta' '12th May Band & Social Club' b'numru ta' xi 120 membru."

   Fil-publikazzjoni "Il-Verità" f'Mejju 2002, f'paġna 7, inkiteb dan li ġej:

   "Fl-ewwel jiem li twaqqfet din l-għaqda, in-numru ta' soċi kien diġà jaqbeż il-mitejn, li maż-żmien kompla jiżdied b'ritmu mgħaġġel. Il-ftuħ uffiċjali tal-każin sar nhar it-22 ta' Ottubru 1961."

2. Parti oħra li qegħdin nikkwotaw minn dan il-ktieb ta' għeluq l-għaxar snin tat-12th May Band & Social Club taqra hekk:

   "Kemm ilu wieqaf, dan il-każin ħa ħsieb Sciortino Street u fil-festa din tiġi

Storja tal-Kazin fil-Qosor

II

Wara hafna sforzi biex forsi terga tirrenja l-ghaqda fost l'ahwa Zebbugin, fl-1958, erba' membri mill-kazin San Filep kienu gabru 185 firmi biex issir laqgha generali u f'din il-laqgha jigi mitlub biex kullhadd jerga jigi accettat bhala membru fil-kazin San Filep. Dawn il-membri baqghu bla risposta, ghax dawn il firem, milli jidher baqghu sejrin fil-waste paper basket. Ghalhekk gara, li dawn it-talin li kienu verament ihobbu minn qalbhom il-festa tal-Padrun taghna San Filep heggew hafna lill QATT MINSI Fundatur, is-Sur FILIPPU GRECH biex jahseb ghall kazin iehor ghax hadd ma seta' jahdem ghall festa minn barra t-triq. Wara dan, Filippu akkwista sit biex jibni kazin u dar sabicha fejn illum jinsab dan il-kazin. Tant kien ghall qalbu dan il-kazin, li bnieh hafna qabel ma bena d-dar tieghu. Lil Filippu ta' spiss kont tisimghu jafda qalbu mall hbieb u jistaqsi, "Tahsbu li dan il-kazin li qed nibni ser ikun ta' gid". Intant dan il-kazin tlesta fil-bidu tal-1961, fi zmien l-ex Arcipriet Dun Lawrenz Zammit; u l-gid li sar jista' jarah kullmin ghandu ghajnejh f'wiccu, galadarba ma setax issir mod iehor.

Il-ftuh ufficjali ta' dan il-kazin sar fit-22 ta' Ottubru tal-1961 taht l-isem sabih ta' 12TH MAY BAND & SOCIAL CLUB fejn hadet sehem il-Banda Pinto, u zzanzan l-Istendart ufficjali tal-kazin impitter mis-Sur Leone Chircop bil-kumitat tieghu u b'numru ta xi 120 membru u li sal-lum jigbor fih il-fuq 300 membru. Fl'1962, dejjem bit-thabrik tal-kumitat u l-membri, giet iffurmata il-Banda 12TH MAY, li din kienet sorpriza ghal hafna mill poplu Zebbugi. Il-banda hadet sehem fil-festa ta' San Filep ta' l-istess sena. Fl-istess sena, f'Dicembru, il-banda harget taghmel marc fl-okkazjoni tac-centinarju tal-banda Pinto. Fis-sena 1963 habat ic-centinarju tal-istatwa ta' San Filep, u ghall din l-okkazjoni, il-banda ghamlet marc brijjuz u programm vokali u strumentali taht id-direzzjoni tas-Surmast taghna is-sur Amante Attard, A. Mus. LCM. fejn daqqet innu gdid lil-San Filep, musika tas-Surmast C. Brincat u versi ta' Philip Chircop fejn ha parti il-kor Cantate Domino taz-Zurrieq. F'din l-okkazjoni tac-centinarju, Mons. Arcisqof gie migbud fuq karrozzella minn Rohan Gate sal-kazin, u hekk saret l-ewwel zjara tieghu fil-kazin taghna, fost l-entuzjazmu kbir tal-poplu Zebbugi. F' Ottubru ta' l-1963, wara li l-Wisq Rev. Arcipriet Dun Lawrenz Cachia ha l pusses tal-parrocca taghna, huwa gie mistieden fil-kazin, fejn saritlu laqgha mal-membri kollha, fost sparar u briju kbir. Fis-17 ta' Marzu 1964, bhal saj,etta fil bnazzi, il-mingel tal mewt hasad minn fostna lil l-akbar benefattur ta' dan il-kazin, lis-Sur Filippu Grech, FUNDATUR tal-kazin fuq imsemmi. F'din l-okkazjoni, b'ghafsa ta' qalb, il-banda akkumpanjatu fil-funeral tieghu bil marci funebri. Kull sena li l-festa ta' San Filep giet trasferita, il-banda dejjem ghamlet marc brijjuz fit-12 ta' MEJJU biex tiffesteggja jum San Filep l-1965 fl-okkazjoni tal-festa zzanznu zewg stendarti, il-wiehed Malti u l-iehor tal-Papa; u fis-sena 1966 izzanznu zewg stendarti ohra, Union Jack u l-Amerikan; dak ta' l-ewwel gie moghti mill-Kummissarju Gholi Ingliz u l-iehor mis-Sur Tito Cassar.

Fl-1967, fl-okkazjoni tal-Festi Nazzjonali, il-banda rrapprezentat lil M.B.C. Ass. billi ghamlet Marc u programm fil-Belt Valletta fid-9 ta' Settembru fejn qalghet figura tassew sabiha. Ta' kull sena, il kumitat dejjem haseb biex fiz-zmien ferriehi tal-Milied iferrah lil-ulied il-membri, billi jorganizza l-Christmas Party. Kemm ilu wieqaf, dan il-kazin ha hsieb Sciortino Street u fil-festa din tigi armata b'40 bandalora semplici imma sbieh fl-ghajn, migbura mill-membri tal-istess kazin u ha hsieb ukoll id-dwal sabieh li tkun armata bihom din it-triq, taht id-direzzjoni ghaqlija tas-Sur Salvino Magro.

II

armata b'40 bandalora sempliċi imma sbieħ fl-għajn miġbura mill-membri ta' l-istess każin."

Mentri fil-publikazzjoni, "Il-Verità", f'paġna 10 insibu miktub hekk:

"Bejn il-festa ta' l-1962 u dik ta' l-1963 ġie rranġat ħafna armar fejn bosta partijiet minnu ġew mibdula. Dan ix-xogħol sar kollu volontarjament fil-każin '12th May'. Barra dan inħadem ukoll armar ġdid mill-membri u iffinanzjat mill-każin '12th May' għal Triq Sciortino."

Meta wieħed jara b'għajnejh dan it-tgħawwiġ kollu ta' fatti fl-istorja tal-każin '12th May Band & Social Club', allavolja bilkemm għadhom għaddew 40 sena minn fuq din is-soċjetà u ħafna minna għadna niftakru sewwa x'rajna jseħħ f'Belt Twelidna malajr nistaqsu, "Fejn hi l-verità ta' dak kollu li nkiteb fil-Verità?"

- Il-ġrajja tal-każin '12th May' qegħdin narawha titgħawweġ daqshekk malajr.
- Inkwantu fejn jirrigwardja l-interess tas-soċjetà tagħna, m'aħna se noqogħdu qatt naqraw mingħajr ma nwieġbu bil-fatti għal dak li jista' jinkiteb u b'xi mod ikollu l-ħsieb malizjuż li jnaqqas mill-għaqda u mill-ġrajja glorjuża tas-soċjetà mużikali Każin Banda San Filep mal-poplu Żebbuġi.

## 26. Għeluq

Il-poplu Żebbuġi minn dejjem kien għaref u mal-mexxejja tiegħu kompla jġib 'il quddiem il-Belt tiegħu li hu waqqaf u saħħaħ minn żmien għal ieħor.

Fil-każ tagħna, is-soċjetà mużikali Każin Banda San Filep A.D. 1851 li sa minn 152 sena ilu fid-dawl li tkompli tkabbar il-ġieħ ta' Belt Twelidna dejjem ħadmet għall-għan nobbli li ġiet imwaqqfa għalih.

Matul dan iż-żmien kollu ta' ħajja mużikali mingħajr interruzzjonijiet li jpoġġiha fl-ewwel post, issawret ġrajja ta' fatti glorjużi li aħna lkoll kburin bihom.

Għalhekk li aħna mill-ġdid qegħdin nerġgħu nikkummentaw dwarhom. Ġejna msejħa sabiex nagħmlu hekk. Ilqajna l-isfida – kull ma aħna għamilna hu li qbadna l-kotba tas-seduti u dak li ġie deċiż dakinhar, qegħdin inwassluhulkom b'wiċċna minn quddiem għall-ġudizzju tagħkom illum.

Aħna għandna fiduċja kbira fl-intelliġenza tagħkom. Għalhekk qegħdin inwasslulkom din il-kitba "Il-Verità bil-fatti".